## IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 18 ta' Settembru 2019**

**Talba Numru 42/2019SFJ**

***Jurgen Vassallo (96490M)***
***vs.***
***Marvic Camilleri (358779M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-28 ta' Frar 2019 li permezz tiegħu l-attur talab li l-konvenut ikun ikkundannat iħallsu l-ammont ta' **elf u tlett mija u sebgħa u erbgħin Ewro (€1,347)** rappreżentanti servizzi ta' elettriku u *gypsum* li saru fil-fond tal-konvenut fl-indirizz 68, Triq il-Kbira, Birkirkara, oltre spejjeż u mgħaxijiet, liema xogħlijiet ġew esegwiti skont struzzjonijiet tal-konvenut.

Ra d-dokument JV1, ippreżentat in sostenn tal-Avviż tat-Talba, li jikkonsisti fi stima tax-xogħlijiet relattivi.

Ra r-Risposta tal-konvenut ippreżentata fs-26 ta' Marzu 2019 li fiha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

- Illi fil-fatt l-attur tħallas għax-xogħlijiet li ġew esegwiti skont l-arti u s-sengħa l-ammont ta' mitejn u erbgħin Ewro (€240.00) oltre pagament *ex gratia* ta' mitt Ewro (€100.00) li kien ikopri l-ispejjeż tal-materjal mixtri mill-attur.

- Illi l-bqija tax-xogħlijiet imwettqa mill-attur ma ġewx esegwiti skont is-sengħa u l-arti.

- Illi l-ammont mitlub huwa eċċessiv stante li qiegħed jintalab għal xogħlijiet li jew ma sarux inkella ma sarux skont is-sengħa u l-arti jew li saru biss parzjalment.

- Illi l-konvenut sofra danni konsistenti f'telf ta' introjtu stante li l-fond in kwistjoni kien ser jinkera u ma setax jinkera stante li x-xogħlijiet ma sarux skont l-arti u sengħa.

Ra d-digriet tiegħu li jinsab a fol. 45 sa 49 tal-proċess.

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata, sema' t-trattazzjoni finali li saret tul is-seduta tat-12 ta' Ġunju 2019 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-18 ta' Settembru 2019.

**Provi ippreżentati**

L-attur ippreżenta affidavit (fol. 18) li permezz tiegħu stqarr:

- Hu kien ilu f'dan ix-xogħol ta' *plumbing*, xogħol mekkaniku u elettriku għal tmien snin. Meta darba minnhom huwa ltaqa' mal-konvenut, dan talbu diversi affarijiet, fosthom li jżarma l-kċina minn kamra u jarmaha f'kamra oħra, jgħaddilu d-*drains* minn barra sabiex jinstalla *sink*, viti u *geyser* u jgħaddilu *drain* ieħor sabiex jinstalla magna tal-ħasil u *dishwasher*.

- L-istima għal dawn ix-xogħlijiet kollha kienet tammonta għal elf u sitt mja u sebgħa u tmenin Ewro (€1,687) mingħajr *VAT*. Il-konvenut aċċetta din l-istima u talab lill-attur jibda x-xogħol mill-aktar fis possibbli. Ix-xogħol beda madwar ġimgħa wara li nħarġet l-istima. Ix-xogħol kellu jieħu madwar sitt ijiem u l-attur alloka ġranet u ħinijiet speċifiċi qrib ta' xulxin.

- Il-konvenut ma riedx iħallas *deposit*. Għalhekk, il-konvenut beda billi żarma l-kċina u mbagħad talbu mitejn u erbgħin Ewro (€240.00) mill-prezz totali hekk kif kien żarma l-kċina. Minn dakinhar 'l hemm, l-attur għamel madwar tlett ijiem xogħol. Billi x-xogħol kien miexi, l-attur talab pagament ieħor mingħand il-konvenut. Eventwalment, il-konvenut aċċetta li jħallas erba' mija u tmienja u erbgħin Ewro (€448.00). Dan l-ammont, iżda, qatt ma tħallas u jifforma parti mis-somma mitluba mill-attur.

- Fit-3 ta' Marzu 2018 il-konvenut biddel il-ħsieb u talab li xi pajpijiet jgħaddu mill-ħajt u mhux taħt l-art. Inoltre, beda jallega li saru xi ħsarat fil-madum. L-attur ċaħad li għamel xi ħsarat.

- F'argument verbali bejn il-kontendenti, il-konvenut irrifjuta li jħallas iktar flus filwaqt li l-attur talab ħlas għax-xogħol li kien sar. L-attur iċċara li kien perfettament lest li jkompli għaddej bix-xogħlijiet kif pattwit. Eventwalment, il-konvenut ġab żewġ uffiċjali tal-Pulizija. Quddiemhom, il-konvenut ħallas mitt Ewro lill-attur u l-attur telaq mill-fond.

- B'kollox, il-konvenut ħallas tlett mija u erbgħin Ewro (€340.00) u għalhekk, kien għad jonqsu jitħallas l-ammont reklamat. Mix-xogħol indikat fl-istima, kien jonqos li jsir ix-xogħol tal-*gypsum* u jlesti xogħol mibdi, fosthom is-*sockets*. L-attur diġà nefaq flus sabiex jixtri l-materjal għax-xogħol li kien fadallu jagħmel, fosthom materjal għat-tqegħid tal-*gypsum*. Kien ukoll alloka ħinijiet u ġranet għat-tlestija tax-xogħol. Hu sofra telf għax il-konvenut waqqfu ħesrem u ma setax jaċċetta xogħol ieħor.

Fl-udjenza tad-29 ta' Mejju 2019 sar il-kontro-eżami tal-attur. Huwa xehed hekk:

- Saret referenza għal *pipe* partikolari fil-kċina li donnu kien ser jimblokka xi bieb. L-attur qal li huwa għamel il-*pipe* b'dan il-mod għax il-konvenut infurmah li l-bieb kien ser jitneħħa u jsir ħajt minfloku. Dan il-*pipe* kien ser jintradam taħt pjattaforma li fuqha tkun tista' toqgħod il-*fridge*. Dan ma kienx għadu sar billi x-xogħol twaqqaf. Ix-xogħol rigward il-pjattaforma ma kienx *itemised* fl-istima. L-attur kompla jinsisti li l-iskop tal-pjattaforma ma kienx li jitgħattew il-pajpijiet iżda li fuqha titqiegħed il-*fridge*.

- Rigward modalità tal-ħlas, l-attur xehed li l-konvenut ried iħallsu għal kull biċċa xogħol. Għalkemm din ma kinifx il-modalità ippreferuta tal-ħlas, l-attur xorta beda x-xogħlijiet.

- Rigward *wires* u *sockets*, l-attur xehed li sal-mument li ġie mitmum l-inkarigu, kien jonqos biss li jitwaħħlu s-*sockets* iżda x-xogħol ta' *wiring* kien tlesta.

- L-attur ma kellux liċenzja ta' *electrician* iżda kien dejjem iqabbad lil ċertu James Oliva sabiex jiċċertifika li x-xogħol sar sewwa. Billi x-xogħol kien għadu ma tlestiex, Oliva ma ntalabx jara u jiċċertifika x-xogħol tal-attur.

- L-attur spjega li x-xogħol li huwa wettaq kien dak ta' żarmar tal-kċina, *electrical points*, *wiring*, is-sistema tal-ilma, xogħol għas-sistema tar-*reverse osmosis*, sistema tad-dranaġġ u xogħol ieħor indikat fid-dokumentazzjoni ppreżentata mill-attur.

- Meta wieħed jimxi skont l-istima, wieħed seta' josserva s-segwenti:

    - *D/P 13 Amp* – Mhux lest.
    - *D/S outlet* – Jonqoshom il-faċċata.
    - *Gully + drain laying* – Lest.
    - *Dismantling Kitchen* – Lest.
    - *Water Heater + R/O Installation* – Sar biss ir-*reverse osmosis*.
    - *Gas Pipe* – Ma sarx.
    - *Gypsum works* – Ma sarux għax l-attur ma tħalliex ikompli x-xogħol mill-konvenut.
    - *Consumer Unit 4 mod* – Ma sarx għax dan kellu jsir l-aħħar ħaġa, wara li Oliva jkun iċċertifika x-xogħlijiet relattivi.

- L-attur ma kienx ċert jekk infurmax lill-konvenut li ma kellux liċenzja ta' *electrician* u li x-xogħol kellu jiġi iċċertifikat minn terz. L-attur xehed li fil-passat, kien hemm okkażjonijiet fejn Oliva ma iċċertifikax ix-xogħol tiegħu u saħaq li jsiru xi tibdiliet qabel jiċċertifika x-xogħol.

Fl-istess udjenza, jiġifieri dik tad-29 ta' Mejju 2019, xehed il-konvenut.

- Il-konvenut għen lill-attur fiż-żarmar tal-kċina iżda effettivament kien hu li ġarr il-komponenti tal-kċina minn fuq għal isfel. Fil-ġurnata ta' wara, il-konvenut seta' jara li kien tlesta li xogħol fis-sens li xi pajpijiet tqiegħdu fl-art. B'referenza għad-dokument MC2, il-pajp muri hemm kellu jkun fi trinka fil-ħajt. Din it-trinka ma saritx.

- Il-konvenut ċaħad li kien hemm xi bieb li kien ser jitneħħa u minflok, id-daħla tingħalaq kompletament. Hu qatt ma qal lill-attur li ma kellux bżonn dak il-bieb.

- Il-konvenut xehed li ma sarx diskors fid-dettal dwar kif kellu jsir ix-xogħol. Madankollu, meta l-konvenut beda jara dan kollu, huwa iddeċieda li jwaqqaf ix-xogħlijiet għax ma ħassx li kien ser jinqeda b'dak il-livell ta' xogħol. Il-konvenut ried iħallas għall-materjal iżda l-attur baqa' jinsisti li ried il-ħlas.

- Rigward ir-*reverse osmosis*, il-konvenut ċaħad li l-attur kien għamel xi *fitting* għaliha mal-ħajt. Hu qal li l-attur sempliċement żarmaha minn fejn kienet. Il-konvenut ried iħallas biss għal xogħol li kien komplut iżda ikkontenda li l-livell ta' xogħol li sar mhux biss ma kienx komplut iżda kien xogħol ħażin li kellu jerġa' jinqala'.

- B'kollox, il-konvenut ħallas lill-attur tlett mija u erbgħin Ewro (€340.00) li kienu jinqasmu f'pagament ta' mitejn u erbgħin Ewro (€240.00) wara li ġiet żarmata l-kċina u pagament ta' mitt Ewro (€100.00).

- Rigward l-ammont ta' erba' mija u tmienja u erbgħin Ewro (€448.00), il-konvenut qal li kien lest iħallas dan lill-attur iżda meta mar fuq il-post u ra x-xogħol li ma kienx jogħġbu, biddel il-ħsieb.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Il-pretensjoni tal-attur f'dan il-każ, kif tidher mill-Avviż tat-Talba u mix-xhieda tiegħu, hija li huwa għandu jitħallas l-ammont mitlub għal xogħlijiet li huwa ġie inkarigat biex iwettaq mill-konvenut iżda li ma tħalliex ikomplihom wara li kien diġà beda. Huwa jargumenta li anki jekk kien hemm affarijiet li kienu għadhom ma sarux, l-ammont sħiħ kien dovut xorta waħda għax biex aċċetta l-inkarigu tal-konvenut, huwa tilef xogħol ieħor. Huwa kien diġà alloka x-xogħol għal ġranet partikolari u kieku kien jaf li l-konvenut kien se jwaqqaf ix-xogħlijiet kollha, kien ikun jista' jaċċetta xogħol ieħor f'dawk il-ġranet.

Il-konvenut jargumenta li huwa ma ħalliex lill-attur ikompli x-xogħlijiet għax ix-xogħol ma kienx ta' kwalità tajba.

It-Tribunal jibda billi jgħid li ma jistax jaċċetta l-argument ta' *mancato guadagno* kif imsemmi fit-trattazzjoni stante li l-Avviż tat-Talba mkien ma jsemmi din ir-raġuni. L-Avviż tat-Talba jgħid ċar li l-ammont mitlub huwa hekk mitlub "*rappreżentanti servizzi tal-elettriku u tal-gypsum, fost servizzi oħra, u dan skont l-istima hawn annessa…*"

Huwa pależi li l-attur qiegħed jitlob l-ammont reklamat għax jargumenta li s-servizzi, fil-fatt, saru. Ma jistax għalhekk issa jbiddel il-parametri tal-kawża u jgħid li anki jekk ix-xogħol ma sarx, l-attur xorta għandu jieħu dak l-ammont iżda għal xi raġuni oħra, bħal *mancato guadagno*.

Jekk l-attur ried jagħmel l-argument tal-*mancato guadagno*, argument aċċettat mill-ġurisprudenza, dan messu kien parti mill-kawżali kif proposti mill-attur. Fil-fatt, fil-ġurisprudenza esebita (fol. 83 *et seq.* u fol. 91 *et seq*.), huwa ċar li f'dawk il-kawżi, il-*mancato guadagno* kien jifforma parti mit-talba kif proposta.

Inoltre, m'hemm assolutament ebda prova li b'riżultat tat-terminazzjoni tal-inkarigu, l-appaltatur sofra xi dannu billi tilef xi xogħol li kieku huwa kien jaċċetta. Ir-referenzi tal-attur f'dan ir-rigward huma vagi għall-aħħar fis-sens li hu qatt ma qal, ċar u tond, li xi persuna jew persuni oħrajn riedu jinkarigawh għal xi xogħlijiet f'dak iż-żmien u hu, minħabba li kien ser jaħdem għall-konvenut, ma setax jaċċetta dawn l-inkarigi.

Rigward xogħol allegatament mhux skont l-arti u s-sengħa, kif allegat mill-konvenut, it-Tribunal josserva li m'hemm ebda prova li l-konvenut huwa b'xi mod ikkwalifikat jew esperjenzat biex ikun jista' jikkonkludi li x-xogħol li sar ma kienx ta' kwalità tajba. Il-konvenut qal li ħa parir mingħand *electrician* ieħor u *plumber* ieħor. Madankollu, dawn ma tressqux bħala xhieda sabiex isostnu l-pożizzjoni tal-konvenut.Barra minn hekk, mix-xhieda tal-konvenut stess, jidher li l-konvenut waqqaf ix-xogħlijiet u ma ħallasx mhux għax kellu raġuni valida sabiex ikun konvint li x-xogħol verament kien ħażin, iżda għax ix-xogħol, għal raġuni partikolari, ma kienx jogħġob lill-konvenut. Fil-fatt, fix-xhieda tiegħu li tinsab f'fol. 73, il-konvenut xehed hekk:

> "*Imma hemmhekk kont għadni ma rajtx, forsi hemmhekk - … mhux forsi, kont għadni ma rajtx ix-xogħol. Hemmhekk iddeċidejt li ..; dak il-hin jien kont qiegħed fuq ix-xogħol. Issa hu ried il-pagament. Jiena fuq ix-xogħol għadni ma rajtx ix-xogħol, għedtlu iva intihomlok l-erba' mija u ħamsin jekk ix-xogħol lest kien kif kien il-ftehim. Jien kelli kull intenzjoni li ntih. Imma meta mort id-dar u rajt ix-xogol imbagħad heq!, reġa' bdieli li nħallsu dawk il-flejjes ta' xogħol li ma għamilx.*"

Dwar raġunijiet validi għat-terminazzjoni ta' kuntratt ta' appalt, fis-sentenza ***<u>Alcasons & Company Limited vs. Tigne Development Company Limited</u>*** (Ċitazz. Numru 1425/1999/1 deċiża mill-Prim' Awla fit-28 ta' Lulju 2004), intqal hekk:

> "*Illi meta l-liġi ssemmi "raġuni valida" wieħed irid jifhem din il-frażi fid-dawl tal-imġiba tal-appaltatur waqt l-eżekuzzjoni tal-appalt. Trid tkun raġuni li tolqot direttament it-twettiq tar-rabta kuntrattwali tal-appaltatur mal-appaltant fis-sens tal-prestazzjoni (jew nuqqas tagħha) tiegħu taħt*

> *il-kuntratt tal-appalt. "Raġuni tajba", għall-finijiet tal-artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili ma tistax tinftiehem bħala "tajba għall-appaltant għax hekk jaqbillu". Li kieku dawk il-kelmiet kellhom jitfissru b'dak il-mod, ikunu jġibu fix-xejn id-dispożizzjonijiet oħrajn tal-istess artikolu dwar il-kumpens dovut lill-appaltatur…*"

Iggwidat minn din il-ġurisprudenza, it-Tribunal ma jinsabx konvint li kien hemm raġuni tajba biżżejjed sabiex l-appaltant jordna li x-xogħol ma kellux jitkompla.

Hemm qbil bejn il-partijiet li l-konvenut kien laħaq għamel madwar tlett ijiem xogħol, li minnhom, fl-ewwel ġurnata ġiet żarmata l-kċina. Dan ifisser li ż-żewġ ġranet l-oħrajn kienu jirrigwardaw xogħlijiet oħra. L-attur qal fl-affidavit tiegħu li meta huwa alloka l-ħin għall-konvenut, huwa ma allokax ġranet u ħinijiet fis-sens li alloka ġurnata sħiħa (*one full day*), per eżempju, lix-xogħlijiet tal-konvenut. Għalhekk, it-Tribunal jifhem li x-xogħol li sar f'ġurnata waħda seta' ma kienx ir-riżultat ta' ġurnata sħiħa xogħol iżda ta' numru ta' sigħat ta' xogħol f'dik il-ġurnata. Fit-tmiem tat-tielet ġurnata ta' xogħol, il-konvenut ordna li jitwaqqfu x-xogħlijiet.

L-Art. 1640 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

> *1640. (1) Min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda.*
>
> *(2) Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.*
>
> *(3) Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.*
>
> *(4) Kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel ma l-kuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont is-subartikolu (2) jew (3) u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun ta x-xogħol kull eċċess li jirriżulta.*
>
> *(5) Il-kuntratt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xogħol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorità jew konferma mill-qorti.*

Meta l-konvenut ordna li x-xogħol ma jitkompliex, huwa ċar li x-xogħol kien nofs sajran. Huwa ovvju li meta bniedem jitwaqqaf fin-nofs, ser ikun hemm affarijiet mhux lesti u mhux kompluti. Il-konvenut donnu jrid jikkonvinċi lit-Tribunal li l-istat li fih kienu x-xogħlijiet meta dawn ġew imwaqqfa kien ser ikun l-istat finali tax-xogħlijiet li kieku kien jikkawża inkonvenjent ċar u jkun bla dubju xogħol mhux skont l-arti u s-sengħa. It-Tribunal, iżda, m'għandu quddiemu ebda prova ċara li l-appaltatur ma kienx ser ilesti x-xogħlijiet. Għalhekk, kemm-il darba l-eċċezzjoni li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti hija ippernjata fuq l-istat tal-affarijiet meta twaqqaf ix-xogħol, ma treġix.

Dwar is-sodisfazzjon *o meno* tal-appaltant dwar l-istat tax-xogħlijiet, ċioe dak li inkariga x-xogħlijiet, jingħad hekk f'***Ray Camilleri Marble Works Limited vs. Philip Bowd et*** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Jannar 2003):

> "*Huwa dover tal-appaltatur li jirreżisti l-ordnijiet li hu jqis bħala preġudizzjevoli għas-solidità u kontrarji għar-regoli tas-sengħa.*
>
> *L-appaltatur għandu l-obbligu li jesegwixxi l-inkarigu kommissjonat lilu skont is-sengħa u l-arti u jrid almenu jippresta l-kapaċità ordinarja tiegħu.*

> *L-appaltatur għandu jesegwixxi x-xogħol lilu kommess fis-sens li għandu l-obbligu li jara li dan ix-xogħol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. F'każ bħal dan għandu mill-ewwel ma jagħmilx ix-xogħol jew ikollu jirrispondi għad-difetti li jiġru l-quddiem.*"

Dan ir-raġunament jinsab ukoll f'diversi sentenzi oħrajn, fosthom ***Pierre Darmanin vs. Moira Agius et*** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2004), ***Raymond Borg et vs. Ħal Mann Limited*** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ottubru 2003) u ***Biagio Muscat vs. Anthony Falzon*** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Mejju 2003).

Il-konvenut xehed ċar li huwa ma kellu ebda struzzjonijiet dettaljati dwar ix-xogħol li kellu jsir. Il-konvenut ta lill-attur struzzjonijiet dwar dak li ried iżda ħalla l-esekuzzjoni f'idejn il-konvenut. Dwar dan, il-konvenut xehed hekk:

> "*Le ma sarx. Ma sarx id-diskors fid-dettal ta' kif kellu jagħmel ix-xogħol. Fis-sens hu, jiena ma għedtlux illi l-pipe trid tgħaddi.., qed tifhem? Jien ridt pipe li jorbot ma' drain, għax id-drain qiegħed barra. Jien ridt pipe li jaqdini, qed tifhem?*"

It-Tribunal josserva li saru diversi referenzi għar-ritratti meħuda (fol. 75 u 76), fost ritratti oħrajn. Dawn ir-ritratti allegatament jirrappreżentaw l-istat tax-xogħlijiet meta l-appaltant beda jħossu skomdu u/jew beda jħoss li x-xogħol ma kienx ser jaqdih. Għal darb' oħra, iżda, it-Tribunal josserva li dawn ir-ritratti ma jistgħux jittieħdu bħala prova li x-xogħol ma sarx skont l-arti u s-sengħa u wieħed irid iżomm fl-moħħu li dan kien l-istat tax-xogħlijiet meta dawn kienu għadhom fil-proċess li jsiru.

Il-konvenut prinċipalment jargumenta li x-xogħol ma sarx skont l-arti u s-sengħa, li l-ammont mitlub huwa esaġerat u li l-konvenut sofra danni konsistenti f'telf ta' introjtu. Mix-xhieda mressqa, ma jirriżultax li hemm provi biżżejjed sabiex it-Tribunal jikkonkludi li x-xogħol verament ma sarx skont l-arti u s-sengħa u lanqas hemm provi ta' telf ta' introjtu, anki għaliex il-konvenut ma għamel ebda kontro-talba. Inoltre, lanqas ma jista' l-konvenut jargumenta li x-xogħol ma sarx skont l-arti u sengħa u dan għax hu m'għandux għarfien u esperjenza fil-qasam kif ukoll għax ma ressaqx esperti terzi sabiex jivverifikaw li x-xogħol ma kienx skont l-arti u s-sengħa.

F'***<u>Alcasons & Company Limited vs. Tigne Development Company Limited</u>***, suċitata, ikompli jingħad hekk:

> "*Illi, min-naħa l-oħra, jekk min jagħti x-xogħol itemm il-kuntratt għal raġuni li mhix waħda tajba, hu għandu jħallas lill-appaltatur (il-kuntrattur) l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu li dan ikun laħaq wettaq, flimkien ma' somma meqjusa mill-Qorti li ma tkunx tisboq il-qligħ li l-kuntrattur seta' għamel kieku tħalla jtemm l-appalt. F'ċirkostanza bħal din, is-somma meqjusa għandha tixxiebah u titqabbel mat-telf imġarrab mill-kuntrattur. Speċifikatament, ingħad illi "L'indennita' che l'articolo 1671 concede all'appaltatore, essendo comprensiva del rimborso delle spese sostenute, dell'importo dei lavori gia' eseguiti e del mancato guadagno, cioe' di tutto il lucro cessante e di tutto il danno emergente, abbraccia tutti quei danni che sarebbero risarcibili in caso di risoluzione per inadempimento, cosicche' gli effetti del recesso unilaterale si riconducono sostanzialmente a quelli di un inadempimento, e non eccedono, quanto alla misura del danno risarcibile, quello dovuto in caso di inadempimento"*"

Fid-dawl ta' dan, tenut kont tal-fatt li huwa paċifiku li l-attur diġà tħallas is-somma ta' tlett mija u erbgħin Ewro (€340.00), it-Tribunal għandu għalhekk jillikwida somma li ma tkunx tisboq il-qligħ li l-appaltatur seta' għamel kieku tħalla jtemm l-appalt.

It-Tribunal jirreferi għall-*invoice* a fol. 4 li setgħet kienet *itemised* jew iktar fid-dettal. Minn din l-*invoice*, jirriżulta lit-Tribunal li l-valur tal-ispejjeż u x-xogħlijiet li laħqu twettqu huwa ta' erba' mija u disgħa u sittin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€469.50). Minn dan l-ammont, tħallsu tlett mija u erbgħin Ewro (€340.00) u l-attur fadallu jieħu mija u disgħa u għoxrin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€129.50) <u>oltre l-ammont pagabbli bħala taxxa fuq il-valur miżjud (*VAT*)</u>. B'żieda ma' dan, u kif indikat fil-ġurisprudenza suċitata, it-Tribunal

għandu jillikwida somma addizzjonali li meta kollox ikun ikkalkulat, m'għandhiex tisboq it-total tal-qligħ li seta' għamel l-attur permezz ta' dawn ix-xogħlijiet.

Għalhekk, fuq bażi *arbitrio boni viri*, it-Tribunal qiegħed jillikwida s-somma <u>addizzjonali</u> ta' ħames mitt Ewro (€500.00).

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut u jilqa' parzjalment it-talba tal-attur billi:

i. Jordna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' mija u disgħa u għoxrin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€129.50) kif ukoll l-ammont pagabbli bħala taxxa fuq il-valur miżjud (*VAT*); u

ii. Fuq bażi *arbitrio boni viri*, jillikwida l-ammont ta' ħames mitt Ewro (€500.00) u jordna li dan l-ammont għandu jitħallas mill-konvenut lill-attur.

Fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-azzjoni għandhom jitħallsu f'ishma ndaqs bejn il-partijiet.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**